MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Numru. 161/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Spiteri)**

**Vs**

**Victoria Galli ta’ 35 sena, mart Stephen Francis Galli u bint Henry u Josephine nee` Borg imwielda Pieta, fil-10 ta’ Frar, 1976 u residenti Bini tal-Gvern, Entratura A, Flat 1, Triq il-Harruba, Mgarr, numru tal-Karta tal-Identita 2359765(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli nhar is-16 ta’ Novembru, 2011, f’xi hin bejn 4.00pm ui 4.30pm wat li kienet qeghda gewwa l-hanut li jgib l-isem ta’ ‘Master Wine’ u li jinsab fi Triq l-Oratorju, Naxxar:

1. Ikkommettiet serq ta' diversi grosos tas-sigaretti li l-valur taghhom jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li hu inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-valur u dan ghad-dannu ta' Silvio Camilleri u Master Cellars Limited.

2. U aktar talli rrendiet ruhha recidiva ai taermini ta' l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali tal-20 ta' Frar, 2012, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputata u fuq kollox ix-xhieda ta' Jean Cali raprezentat CARITAS minn fejn jirrizulta illi l-imputata qed taghmel l-almu taghha biex tindirizza l-problema li ghandha tal-vizzju tad-droga ghalkemm dan mhux dejjem hu facli minhabba l-problemi li ghandha f'sahhitha. Il-Qorti hija tal-fehma ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b), 267, 49, 50 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tqieghed lill-imputata taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tonqos milli ssegwi xi kundizzjoni imposta fuqha f’din l-ordni jew jekk tonqos li ssegwi xi ordni mghotija lilha mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti finalment tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------